# QORTI ĊIVILI
# PRIM’ AWLA
# SEDE KOSTITUZZJONALI

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta’ nhar it-Tlieta**
**Sittax (16) ta’ Marzu 2021**

**Rikors Numru 58/2018 FDP**

Fl-ismijiet

**Marco Zammit (ID Card No: 169562 M)**

**Vs**

**L-Avukat Ġenerali liema atti ġew sussegwentement assunti mill-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 21 ta’ Mejju 2018, li permezz tiegħu r-rikorrent talab is-segwenti:

    1. *PERESS ILLI l-esponent kien fi tfulitu ġie diversi drabi, u fuq medda twila ta' snin, abbużat sesswalment minn mart missieru u minn missieru, liema abbuż l-esponent dam diversi snin sabiex huwa personalment jiffaċċja, jirrikonoxxi u jaċċetta kif ser jiġi minnu ppruvat; u*

    2. *PERESS ILLI l-esponent għadu sal-ġurnata tal-lum isofri sew psikoloġikament kif ukoll emozzjonalment il-konsegwenza ta' dan l-abbuż sesswali komess fuqu fi tfulitu kif ingħad; u*

3. *PERESS ILLI filwaqt li l-esponent huwa ben konxju illi għaddew diversi snin minn dakinhar illi ġie kommess l-abbuż fuqu huwa proprju issa li jinsab, kif ingħad, f'qagħda illi jiffaċċja dan l-abbuż u sabiex konsegwentement jieħu l-passi neċessarji sabiex jikseb il-ġustizzja u kumpens mistħoqq għal dak li sofra u għaddha minnu fi tfulitu; u*

4. *PERESS ILLI l-esponent huwa illum il-ġurnata prekluż milli jaġixxi sew kriminalment u sew ċivilment kontra l-aggressuri tiegħu u dan minħabba illi r-reat kommess fuq persuntu huwa preskritt bid-dekors ta' ħmistax-il sena a tenur tal-artikolu 688 (b) tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9) u l-Artikoli 2153 u/jew 2154 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16); u*

5. *PERESS ILLI l-esponent huwa f'kull każ prekluż milli jitlob riżarċiment għad-danni morali u/jew psikoloġiċi illi huwa sofra u li għadu jsofri peress illi tali danni ma humiex rikonoxxuti taħt il-liġijiet ta' Malta ħlief f'każijiet partikolari u eċċezzjonali, ad eżempju, f'azzjonijiet kostituzzjonali jew f'azzjonijiet ta' malafama; u*

6. *PERESS ILLI fl-umili fehma tal-esponent dan jikkostitwixxi ksur tad-dritt tal-esponent ta' aċċess għall-qrati u tribunali, kif ukoll għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi a tenur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 § 1 tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem; u*

7. *PRERESS ILLI tali projbizzjoni, kif hawn fuq premess, hija wkoll leżiva tad-dritt fondamentali tal-esponent li ma jkunx assoġġettat għal trattament inuman u degradanti a tenur tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet tal-bniedem proprju għaliex huwa ma jistax jikseb rimedju għal dak l-abbuż abborrenti li ġie komess fuqu fi tfulitu; u*

8. *PERESS ILLI tali projbizzjoni hija wkoll leżiva tad-dritt tal-esponent għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu a tenur tal-Artikolu 32 (c) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem u dan għaliex proprju din il-qagħda qed ikollha impatt serju u negattiv fuq il-ħajja privata tal-esponent; u*

9. *PERESS ILLI għar-raġunijiet hawn fuq premessi l-Istat Malti, kif rappreżentat mill-intimat, naqas u għadu qed jonqos mill-obbligazzjoni pożittiva tiegħu illi jassigura u jipproteġi d-drittijiet fondamentali tal-esponent kif premess.*

*JGĦID GĦALHEKK l-intimat għalfejn m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti, għar-raġunijiet premessi:-*

1. *TIDDIKJARA u TIDDEĊIEDI illi l-Liġijiet preskrittivi hawn fuq indikati, kif ukoll in-nuqqas ta' rimedju ċivili effettiv fil-forma ta' danni morali jilledu d-dritt fondamentali tal-esponent għal smiegħ xieraq kif sanċit fl-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll 6 § 1 tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem;*

2. *TIDDIKJARA u TIDDEĊIEDI illi l-Liġijiet preskrittivi hawn fuq indikati, kif ukoll in-nuqqas ta' rimedju ċivili effettiv fil-forma ta' danni morali jilledu d-dritt fondamentali tal-esponent li ma jkunx assoġġettat għal trattament inuman u degredanti kif sanċit fl-artikoli 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem;*

3. *TIDDIKJARA u TIDDEĊIEDI illi l-Liġijiet preskrittivi hawn fuq indikati, kif ukoll in-nuqqas ta' rimedju ċivili effettiv fil-forma ta' danni morali jilledu d-dritt fondamentali tal-esponent għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu kif sanċit fl-artikoli 32 (c) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem;*

4. *TILLIKWIDA kumpens in linjea ta' danni non-pekunjarji sofferti mill-esponent b'konsegwenza tal-leżjoni tad-drittijiet fondamentali tiegħu kif premess;*

5. *TIKKUNDANNA lill-intimat sabiex iħallas lill-esponent id-danni hekk likwidati fi żmien qasir u perentorju; u*

6. *TAGĦTI dawk ir-rimedji oħra kollha li din l-Onorabbli Qorti tqis xierqa u desiderabbli fiċ-ċirkostanzi sabiex id-drittijiet tal-esponent jiġu salvagwardjati u sabiex huwa jkollu l-jedd ta' azzjoni kontra l-aggressuri tiegħu kif hawn fuq premess.*

2. Rat illi fil-31 ta’ Mejju 2018 l-**Avukat Ġenerali** irrisponda għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiżi:

*Illi fil-qasir il-lanjanza tar-rikorrenti jidher li hija fis-sens li minħabba r-regoli tal-preskrizzjoni li jħaddan pajjiżna huwa ġie prekluż milli jieħu azzjoni kriminali u/jew ċivili dwar allegat abbuż sesswali li ġarrab fi tfulitu minn mart missieru u missieru u dan allegatament bi ksur tal-artikoli 32, 36 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikoli 3 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.*

*Illi l-esponenti jirrespinġu dawn l-allegazzjonijiet bħala infondati fil-fatt u fid-dritt peress li, kif ser jiġi spjegat aktar 'l isfel, l-ebda aġir ta' l-esponent ma kiser jew illeda xi dritt fundamental tar-rikorrenti.*

*Illi jingħad minnufih li dak li qed jattakka r-rikorrent b'din il-proċedura huma regoli ta' preskrizzjoni penali u ċivili li huma rikonoxxuti globalment u żgur li ma kienx l-Istat Malti li ivvintahom. L-istitut tal-preskrizzjoni huwa wieħed mill-pedamenti li Stat Ċivilizzat iħaddan liema istitut bl-ebda mod ma jxellef jew inaqqar mill-garanziji kostituzzjonali u konvenzjonali.*

*Fuq kollox, r-rikorrent m'għandu l-ebda jedd fundamentali jimponi hu fuq 1-Istat x'Liġijiet għandu jkun hemm għax forsi liġi ma togħġbux. Lanqas m'għandu dritt fundamentali li jikseb rimedju akkost ta' kollox dwar allegazzjonijiet li sal-lum il-ġurnata mhux pruvati. Aktar minn hekk, lanqas ma għandu dritt li jillamenta minn disposizzjoni ta' Liġi wara li ma jaġixxix fit-terminu maħsub f'dik il-Liġi.*

*<u>Dwar l-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni</u>*

*Illi in kwantu l-azzjoni odjerna hija msejsa fuq l-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni, l-esponenti jissottometti li l-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni huwa inapplikabbli u għandu jiġi ddikjarat bħala tali minn dina l-Onorabbli Qorti u dan peress illi dan l-artikolu huwa biss introduzzjoni għal-lista tad-Drittijiet Fundamentali bħal ma huwa l-Ewwel Artikolu tal-Konvenzjoni li jintroduċi l-lista ta' drittijiet u libertajiet fundamentali li dwarhom l-Istati firmatarji jobbligaw ruħhom li jħarsu fit-territorju tagħhom. Dawn iż-żewġ artikoli qatt ma jistgħu jiġu invokati.*

*L-esponenti jirrileva illi hija l-Kostituzzjoni stess illi fl-Artikolu 46 fl-ewwel subinċiż tiegħu jeskludi l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 32 ta' l-istess Kostituzzjoni meta tipprovdi s-segwenti:*

> *"46. (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (6) u (7) ta' dan l-artikolu, kull persuna li tallega li xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' l- artikoli 33 sa 45 (magħdudin) ta' din il-Kostituzzjoni tkun ġiet; tkun qed tiġi jew tkun x' aktarx ser tiġi miksura dwarha, jew kull persuna oħra li l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili f Malta tista' taħtar ad istanza ta' xi persuna li hekk tallega, tista', bla ħsara għal kull azzjoni oħra dwar l-istess ħaġa li tkun tista' ssir legalment, titlob lill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili għal rimedju".*

*L-esponenti jissottometti għalhekk li l-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni huwa biss artikolu introduttiv u mhux intiż sabiex jiġi invokat bħala dritt fundamentali per se u dan peress illi l-artikoli protettivi għad-drittijiet fundamentali huma kontenut fl-artikoli 33 sa 45 u dan kif jipprovdi l-Artikolu 46 (1) tal-Kostituzzjoni.*

*<u>Smigħ Xieraq - allegata leżjoni tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzioni u tal-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropeja</u>*

*Illi in kwantu għal dak li jirrigwarda l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja, l-esponenti jibda biex jissottometti li l-Artikolu 39 (1) u (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi li sabiex jiġi garantit id-dritt għal smigħ xieraq, is-smigħ għandu jsir fi żmien raġonevoli, u jinstema' minn Qorti indipendenti u mparzjali mwaqqfa b'Liġi. L-Artikolu 6 (1) tal-Kap. 319 imur oltre meta jipprovdi li s-smigħ għandu jkun pubbliku u għandu jkun quddiem tribunal indipendenti u mparzjali mwaqqaf b'Liġi.*

*Illi l-allegata vjolazzjoni li minnha qed jillamenta r-rikorrenti hija li ġialadarba l-Artikolu 688(b) tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta) jipprovdi għall-preskrizzjoni ta' ħmistax-il sena għall-azzjoni ta' reati ta' abbuż sesswali filwaqt li l-Artikoli 2153 u/jew 2154 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta) jipprovdu għall-preskrizzjoni ta' azzjoni ċivili għal reklamar ta' danni skont ir-rikorrenti tali disposizzjonijiet huma leżivi tad-dritt tas-smigħ xieraq.*

*L-esponenti jissottometti li ċertament li l-istitut tal-preskrizzjoni fis-sistema legali nostrana bl-ebda mod ma jilledi id-dritt ta' smigħ xieraq garantit mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni u dan peress li protezzjoni kostituzzjonali u konvenzjonali testendi biss u ġustament biex tiżgura li persuna jkollha proċess ġust bil-garanziji proċedurali li jassiguraw tali proċess ġust. Illi minn qari tar-rikors promotur jidher illi l-lanjanza tar-rikorrenti bbażata fuq dawn l-artikoli hija li allegatament id-disposizzjonijiet tal-preskrizzjoni tal-azzjoni fil-Kodiċi Kriminali u fil-Kodiċi Ċivili qegħdin joħonqu l-aċċess tiegħu għall-Qorti.*

*Illi d-dritt ta' aċċess għall-Qorti fih innifsu mhux dritt assolut iżda huwa wieħed suġġett għal-limitazzjonijiet u dan kif dejjem irriteniet il-Qorti Ewropeja li tali limitazzjonijiet "... are permitted by implication since the right of access by its very nature calls for regulation by the State". (ara Devenney v. the United Kingdom - applikazzjoni numru 24265/94 deċiża fid-19 ta' Marzu 2002).*

*Illi l-punt kardinali relatat mal-kawża odjerna huwa li d-dritt ta' aċċess jista' jkun limitat u dan kien stabbilit mill-inqas sa mill-1994 fil-kawża fl-ismijiet Fayed v. UK  u li 1-Qorti Ewropeja stabbiliet ukoll f'diversi każijiet illi anke meta individwi jkunu preklużi milli jadixxu lill-Qorti għal raġunijiet differenti, dan ma jwassalx għal ksur tad-dritt ta' aċċess għall-Qorti.*

*Il-Qorti Ewropeja sabet ukoll li huwa permess u ma jwassalx għal ksur tad-dritt ta' aċċess għal-qrati, il-fatt li jkun hemm żmien perentorju*

*raġonevoli li jwaqqaf proċeduri jew li jillimita l-bidu tagħhom (ara X v. Sweden, 1982). Ukoll regoli tal-proċedura li minħabba fihom proċeduri jieqfu bħal fil-każ ta' nuqqas ta' ħlas ta' depożitu għall-ispejjeż jew bħal fil-każ ta' l-imposizzjoni ta' multi minħabba appelli vessatorji, dawn ma jiksrux id-dritt ta' aċċess għall-Qorti (ara P v. France, 1987 u Deweer v. Belgium, 1980).*

*Illi mir-rikors promotur jidher li r-rikorrenti illum il-ġurnata għandu ħamsa u sittin sena u li qiegħed jallega fatti li jmorru lura sa tfulitu. Illi mill-istess rikors promotur jirriżulta wkoll li dak li qiegħed jilmenta minnu r-rikorrenti u ċioe' l-Artikolu 688 (b) tal-Kodiċi Kriminali u l-Artikoli 2153 u 2154 tal-Kodiċi Ċivili huma disposizzjonijiet li ilhom fis-seħħ sa mill-promulgazzjoni tal-istess bil-konsegwenza li r-rikorrenti kellu kull opportunita' li jieħu kull azzjoni opportuna sabiex tiġi istitwita azzjoni ta' natura kriminali u dik ċivili. Illi ċertament li perjodu ta' ħmistax-il sena mhuwiex perjodu qasir ta' preskrizzjoni ta' azzjoni.*

*Illi aktar minn hekk, il-Qorti Ewropeja dejjem irriteniet li perjodi preskrittivi huma neċessarji u permissibbli għaliex fin-natura tagħhom jipprovdu ċertezza legali u li l-istess Qorti Ewropeja ma tindaħalx lill-istat fit-tfassil ta' tali termini iżda tara biss jekk tali termini kinux interpretati b'mod ġust mill-Qrati domestiċi sabiex jiġi assigurat l-aċċess għall-Qorti (ara Canete de Goni v. Spain - applikazzjoni numru 55782/00 deċiża fil-15 ta' Jannar 2003). Illi jidher li fir-rikors promotur ir-rikorrenti qiegħed jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex mhux tinterpreta l-artikoli tal-preskrizzjoni f'kuntest ta' kawża li ġiet dikjarata preskritta iżda qiegħed jitlob li d-disposizzjonijiet per se jiġu dikjarati bħala leżivi, talba li teżorbita mill-garaniziji tas-smigħ xieraq u dan peress li l-Qorti Ewropeja dejjem irriteniet illi termini ta' preskrizzjoni ma jivvjolawx id-dritt ta' smigħ xieraq anzi dejjem iddeċidiet li tali termini huma permissibbli.*

*Illi jsegwi għalhekk li ma hemm l-ebda ksur ta' dawn l-artikoli.*

*<u>Trattament inuman u degradanti - allegata leżjoni tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja</u>*

*Illi r-rikorrent qiegħed jilmenta li minħabba r-regoli ta' preskrizzjoni ma jistgħax jikseb rimedju u allura dan jikkostitwixxi trattament inuman u degradanti fil-konfront tiegħu.*

*Tajjeb li wieħed ifakkar li skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea ta' Strasbourg, "inhuman treatment covers at least such treatment as deliberately causes severe mental and physical suffering". It-trattament jitqies inuman meta jkun maħsub minn qabel u ppremeditat biex jikkaġuna "intense physical and mental suffering" - każ "Tekin v. Turkey", deċiż fid-*

*9 ta' Ġunju, 1998. Għar-rigward ta' trattament degredanti dan jitqies li jirreferi għal dak it-trattament li jġiegħel lil dak li jkun ikisser ir-resistenza kemm fiżika u morali tal-vittma jew li jġiegħel lill-vittma li taġixxi kontra l-volonta' tagħha. It-trattament ikun ukoll degradanti jekk ikun tali li jqajjem f'dak li jkun sentimenti ta' biża', angoxxia u sens ta' inferjorita' li jumiljaw u jiddenigraw lil dak li jkun saħansitra sakemm possibilment jabbattu r-reżistenza fiżika jew morali tiegħu.*

*Illi l-protezzjoni għad-drittijet fundamentali hija kontra trattament fost affarijet oħra premeditat, li jikkawża tbatija fiżika u mentali u trattament intenzjonat u apposta li joħloq biża, twerwir, angoxxa ecc. bil-għan speċifiku li jumilja u jiddegrada lid-dinjita' tal-persuna.*

*Illi ċertament li l-istitut tal-preskrizzjoni ma sarx sabiex jiġi b'xi mod umiljat ir-rikorrenti jew sabiex jassoġġetta lir-rikorrenti għal xi trattament inuman jew degradanti u għaldaqstant din l-Onorabbli Qorti m'għandiex issib ksur ta' l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja;*

*Illi għalhekk ma hemm l-ebda ksur ta' dawn l-artikoli.*

*<u>Id-Dritt għall-ħajja privata u għall-ħajja tal-familja - allegata leżjoni tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja</u>*

*L-esponenti jeċepixxi illi għalkemm l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni jipprovdi li kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu, ta' daru u tal-korrispondenza tiegħu madanakolu f'każijiet illi jikkonċernaw minuri, fil-każ odjern prokrejazzjoni assistita, hija l-prassi tal-Qrati li l-ewwel u qabel kollox jieħdu in konsiderazzjoni l-aħjar interessi tal-minuri.*

*Illi in oltre u mingħajr preġudizzju għas-suespost, anke jekk kellu jiġi meqjus minn dina l-Onorabbl Qorti li hemm interferenza fir-rigward ta' dan id-dritt l-esponenti jeċċepixxi li dan huwa salvagwardjat permezz tat-tieni paragrafu ta' l-istess Artikolu in kwantu huwa skont il-liġi u meħtieġ f'soċjeta' demokratika.*

*Fis-sentenza tagħha tal-4 ta' Diċembru 2007 fil-kawża* Dickson vs UK *il-Qorti Ewropeja qalet hekk – "The object of article 8 is essentially that of protecting the individual against arbitrary interference by the public authorities." Għalhekk l-indħil mill-awtorita' pubblika għandu jkun fil-każi speċifikament kontemplati fit-tieni paragrafu ta' l-Art.8 (ara d-deċiżjoni tal-Qorti Ewropeja tal-24 ta' Settembru 2007 fil-kawża "Tysiac vs Poland"). Fil-kuntest tal-Art.8 dak li jrid jiġi stabbilit huwa jekk tkunx teżisti ħajja familjari li ħaqqha protezzjoni u jekk l-interferenza tkunx*

*ġustifikata (ara "Raid Mabruk El Masri vs L-Onorevoli Prim Ministru et" - PAK/GV - 4 ta' Ottubu 2004).*

*Illi f'każ li l-istitut tal-preskrizzjoni jitqies li huwa interferenza, ma hemm l-ebda dubju li tali istitut tal-preskrizzjoni huwa wieħed preskritt permezz tal-liġi u li huwa neċessarju f'soċċjeta' demokratika.*

*Illi għalhekk ma hemm l-ebda ksur tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea.*

*Għaldaqstant fid-dawl tas-suespost ma hemm l-ebda leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad l-allegazzjonijiet u t-talbiet kollha bħala infondati fil-fatt u fid-dritt*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

**Provi:**

3. Rat l-affidavit ta' **Anna Zammit**, il-mara tar-rikorrent, ippreżentat fit-22 ta' Novembru 2018. (fol 30).
4. Rat l-affidavit ta' **Alexandra Burlo**, oħt ir-rikorrent, ippreżentat fit-22 ta' Novembru 2018. (fol 32).
5. Rat ix-xhieda ta' **Marco Zammit**, mogħtija fit-22 ta' Novembru 2018. (fol 34).
6. Rat ix-xhieda ta' **Dr. Joseph Cassar**, psikjatra tar-rikorrent, mogħtija fit-22 ta' Novembru 2018. (fol 38)
7. Rat illi, fis-7 ta' Ottubru 2019, dina l-Qorti, kif ppresjeduta, ħadet konjizzjoni tal-atti.
8. Rat illi fit-30 ta' Jannar 2020, reġgħu ġew ippreżentati l-affidavits ġia ppreżentati preċedentement, ta' Anna Zammit u Alexandra Burlo'.
9. Rat illi fit-30 ta' Jannar 2020, ġie ippreżentat l-affidavit ta' **Nadia Bisazza,** Psychology Assistant tar-rikorrent. (fol 67)
10. Rat in-nota ppreżentata mir-rikorrenti fit-3 ta' Marzu 2020 b'varji studji dwar l-effett li jikkrea abbuż sesswali fuq tfal.
11. Rat illi fit-3 ta' Marzu 2020, ir-rikorrent ddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippreżenta.
12. Semgħet ix-xhieda tal-**Ispettur Theresa Grima Sciberras** mogħtija fit-22 ta' Settembru 2020. (fol 110)

13. Semgħet ix-xhieda in kontro eżami ta’ Marco Zammit mogħtija fit-22 ta’ Settembru 2020. (fol 116)

14. Rat illi fit-22 ta’ Settembru 2020, il-Qorti ddikjarat l-istadju tal-ġbir tal-provi bħala magħulqa.

15. Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ Marco Zammit ippreżentatat fl-10 ta’ Novembru 2020. (fol 125)

16. Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-Avukat tal-Istat ippreżentata fit-12 ta’ Jannar 2021. (fol 137)

17. Rat illi fit-12 ta’ Jannar 2021, il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

**Fatti tal-każ**

18. Jirriżulta, mix-xhieda tar-rikorrent, illi ilum għandu disgħa u ħamsin sena (59), li l-ġenituri tiegħu kienu sseparaw meta kienu għadu żgħir u huwa trabba man-nanniet paterni filwaqt illi kien, kull ġimgħatejn, jgħaddi tmiem il-ġimgħa ma’ missieru u s-sieħba tiegħu, illum martu Doris.

19. Jirriżulta, dejjem skond ir-rikorrent, illi meta kien imur jgħix ma’ missieru, is-sieħba tiegħu, li għandha għaxar snin aktar minnu w hija għaxar snin iżgħar minn missieru,  kienet tabbuża minnu sesswalment. Huwa ddeskriva fid-dettal inċidenti ta’ abbuż sesswali subiti fuqu minn mart missieru, fejn sostna li dan l-abbuż beda fl-eta` tenera ta’ ħdax-il sena u kompla għaddej matul is-snin, sa meta kellu wieħed u għoxrin sena, fejn fl-aħħar snin tal-molestji, kien regolarment jiġi stuprat.

20. Jirriżulta illi r-rikorrent kien stqarr dwar dan kollu meta kellu dsatax-il sena, lill-martu Anna Zammit, li magħha sussegwentement huwa żżewweġ, meta kellu tnejn u għoxrin sena, rabba familja, u għadu miżżewweġ magħha sa llum.

21. Jirriżulta illi, ftit snin qabel ma beda l-proċeduri odjerni, huwa kellu jirrikorri għal għajnuna psikoloġika, kif ġie kkonfermat mill-psikoloġi minnu frekwentati u prodotti bħala xhieda.

22. Jirriżulta, li r-rikorrent, li kellu 56 sena meta nieda l-proċeduri odjerni jistqarr li llum il-ġurnata huwa aċċetta l-fatti subiti fuqu u għalhekk iħossu lest sabiex jipproċedi kontra l-aggressuri tiegħu.  Huwa jistqarr ukoll li, minkejja illi llum il-ġurnata huwa lest illi jiffaċċja dan l-abbuż u għalhekk jipproċedi ġudizzjarjament kontra min ikkawża tali abbuż, huwa illum ma jistax jikseb il-ġustizzja u kumpens mistħoqq, peress li l-azzjoni kontra l-abbuż kommess huwa preskritt bid-dekors ta’ ħmistax il sena, kemm bħala reat kriminali, a tenur tal-artikolu 688(b) tal-Kodiċi Kriminali u, kif ukoll bħala azzjoni Ċivili, a tenur tal-Artikolu 2154 tal-Kodiċi Ċivili.

## Ikkunsidrat

23. Il-Qorti tibda billi tosserva illi r-rikorrent qiegħed permezz tal-azzjoni preżenti, jilmenta li sofra leżjoni tad-drittijiet tiegħu ai termini tal-artikolu 39 u 36 u 32 (c) tal-Kostituzzjoni u kif ukoll l-Artikolu 6 (1), 3 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, peress illi qiegħed jiġi prekluż milli jmexxi b'azzjoni kriminali u Ċivili fil-konfront ta' min abbuża bih, stante illi l-azzjoni hija preskritta legalment.

24. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi l-Avukat tal-Istat, qajjem s-segwenti difiżi:

    a. L-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni huwa inapplikabbli peress li huwa biss introduzzjoni għall-artkolu dwar drittijiet fundamentali fil-Kostituzzjoni.
    b. L-istitut tal-preskrizzjoni ma jilledix id-dritt ta' smiegħ xieraq, ai termini ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni a lanqas ai termini tal-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea.
    c. M'hemm l-ebda ksur tal-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea, dwar trattament inuman u degradanti fil-konfront tiegħu.
    d. L-istitut tal-preskrizzjoni ma jinterferix mad-Dritt għall-ħajja privata u għall-familja kif qed jallega r-rikorrent.

## Mertu tal-każ

25. Ir-rikorrent qiegħed jikkontendi li d-drittijiet fundamentali tiegħu ġew leżi wara li l-Istat naqas mill-obbligazzjoni posittiva tiegħu li jipproteġieh, wara li huwa sofra abbuż sesswali, peress li huwa prekluż milli jaġixxi abbażi tar-regola tal-preskrizzjoni applikabbli għal tali reat li hija stabbilita mil-liġi a tenur tal-artikolu 688 tal-Kap 9 u 2154 tal-Kodiċi Ċivili bit-trapass ta' ħmistax-il sena.

26. Ir-rikorrent għalhekk qed jattakka r-regola tal-preskrizzjoni penali kif ukoll Ċivili f'dan ir-rigward, billi qed isostni li din il-preskrizzjoni interferiet mad-Drittijiet Fundamentali tiegħu.

27. Il-Qorti tibda bili tosserva illi kwalsiasi abbuż tan-natura kif deskritta mir-rikorrent, meta rrappurtata, tisħoqq illi tiġi investigata u punita skond il-Liġi, ladarba tiġi ippruvata, stante illi tali reati jimminaw it-trobbija tat-tfal u jkollhom effett permanenti fuq tali tfal hekk kif jaffrontaw il-ħajja ta' kuljum.

28. Madanakollu, il-Qorti tosserva wkoll illi, li fil-każ odjern, ma huwiex qiegħed jiġi kkunsidrat l-abbuż per se, iżda r-rikjesta mressqa mir-rikorrent lil dina l-Qorti sabiex jiġi dikjarat illi l-preskrizzjoni applikabbli għar-reati li r-rikorrent jikkontendi li sofra tivvjolalu d-drittijiet fondamentali tiegħu abbażi tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

29. Il-Qorti tosserva illi l-istitut tal-preskrizzjoni huwa fundament legali stabbilit sa minn żmien ir-Rumani, bid-Diritto Giustinano, illi kien pijunier fl-iżvilupp ta' vari prinċipji elementari tal-Liġi, liema prinċipji żviluppaw u mmaturaw tul it-trapass ta' sekli sħaħ, fosthom l-istitut tal-Preskrizzjoni.

30. Il-Qorti tirrileva illi l-istitut tal-preskrizzjoni huwa intiż sabiex joħloq ċertezza u stabbilita` legali, u mhux interferenza tad-Drittijiet Umani. Dwar tali istitut, il-ġurista taljan **Pugliese**, fit-trattat tiegħu ***Trattato della Prescrizione Estintiva*** Vol II, f'paġna 19 jgħid dan li ġej:

> *Il diritto nel suo aspetto pratico è un vantaggio per il suo titolare, ed un peso per la persona, che ad esso è soggetta. Questo emolumento e questo peso, che hanno la loro causa nella tutela sociale, la società assai giustamente non vuole che siano duraturi in eterno. La perpetuità delle obbligazioni urta contro la umana natura, la quale, finita e temporanea, imprime i suoi caratteri sostanziali su tutto quanto concerne l'uomo, e quindi anche sul diritto destinato a fornirgli i mezzi di esplicare la sua attività e ad assicurargliene i prodotti. Urta ancora contro i principii morali più inconcussi. Il diritto è per l'uomo una forza, la precipua anzi delle forze che egli possiede, poichè nessun sistema di sociale convivenza può immaginarsi che non s'assida sul rispetto dei diritti comunque distribuiti e disci plinati . Se è una forza, lo stesso imperativo morale comanda che sia usato, perchè si produca il vantaggio, di cui è fecondo, e cessi nello stesso tempo lo stato di soggezione, in cui si trova la persona obbligata a dare, fare, prestare alcun che ; e vieta che sia lasciata in abbandono ed improduttivo.*

31. L-istess Pugliese jiddefenixxi l-preskrizzjoni bħala: (oper cit pg 23-24)

> *La prescrizione estintiva è un mezzo con cui per effetto dell'inazione del titolare del diritto protratta per tutto il tempo e sotto le condizioni determinate dalla legge la persona, vincolata da un'obbligazione o proprietaria di una cosa sottoposta ad un diritto reale frazionario , ottiene la propria liberazione dall'obbligazione o dal carico.*

32. Il-Qorti tosserva, li l-istitut tal-preskrizzjoni huwa maħluq fih innifsu, sabiex jistabbilixxi ċertezza, kif stqarret ukoll il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża AIX Barbara vs Prim Ministru fid-deċiżjoni tagħha tas-7 ta' Ottubru 1997, fejn qalet:

> *"Din il-Qorti naturalment tisssottolinea l-validita' ta' l-istitut tal-preskrizzjoni bħala mezz kif jiġi assikurat iċ-ċertezza ta'l-istat ta' dritt"*

33. Huwa wkoll fatt rikonoxxut, li fi proċessi ġudizzjarji, aktar ma jdum sabiex jitressaq każ, aktar ikun diffiċli li ssir il-prova neċessarja quddiem il-Qorti sabiex issir ġustizzja, peress li aktar ma jgħaddi żmien aktar ikun diffiċli sabiex issir il-prova neċessarja. Dan il-prinċipju jinsab ben enunċjat fil-ġurisprudenza nostrana.

34. Kif ritenut fil-każ **Anthony Frendo bħala eredi ta' Michael Frendo vs Kummissarju tat-Taxxi Interni**, Appell Ċivili (1205/2005/1) deċiż fit-30 ta' Lulju 2010, intqal illi

> *"Il-prinċipju tal-preskrizzjoni kien ġie mdaħħal fil-liġi minħabba li mhuwiex sew li affarijiet jibqgħu indeterminati għal żmien twil. Huwa ġust li wara trapass ċertu żmien dipendenti miċ-ċirkostanzi li għalihom huwa referibbli l-każ il-kwistjoni tiġi magħluqa b'mod definittiv. Dan jassumi aktar importanza fejn wieħed ikun obbligat li biex jipprova dak li qal ikollu jipproduċi dokumenti u mhux sewwa li wara li ikun għadda l-perjodu preskrittiv il-leġislatur f'oġġetti ta' natura fiskali idaħħal disposizzjonijiet retroattivi għall-fatti li rriżultaw preċedentement taħt kif kienet il-liġi dak iż-żmien."*

35. Huwa relevanti wkoll, dak sottolineat fis-sottomissjonijiet ta' l-Avukat ta' l-Istat fejn ġie sottolineat li l-preskrizzjoni kif titħaddem f'Malta toħloq il-proprozjonalita` li titkellem dwarha l-Qorti Ewropea, fis-sens li hija ċertezza legali għall-amministrazzjoni tal-Ġustizzja.

36. Fil-każ **Zvolky vs Zvolka vs Czeck Republic**, (46129/99) deċiża fit-12 ta' Novembru 2002, ingħad illi;

> "*The rules on the procedure and time-limits for appeals are designed to ensure the proper administartion of Justice, and in particular legal certainty. This principle of legal certainty, which is one of the fundamental aspects of the rule of law, requires that all litigants should have an effective judicial remedy enabling them to assert their civil rights. (See also* ***Brumarescu vs Romania*** *(28342/95 ECHR 1999-VII*)."
>
> ...
>
> "*Limitations permitted to the right to a Court must not restrict or reduce the individual's access in such a way or to such an extent as to impair the very essence of the right. Furthermore, limitations will only be compatible with article 6 if they pursue a legitimate aim and there is a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim pursued.*"

37. Fil-każ **Calvelli & Ciglio vs Italy** (32967/96) deċiża fis-17 ta' Jannar 2002, il-Qorti Ewropea qalet is-segwenti:

> "*Even if the Convention does not as such guarantee a right to have criminal proceedings instituted against third parties, the court has said on a number of occasions that the effectve judicial system rquired by Article 2 may and under certain circumstances must include recourse to criminal law.*
> ....

.....

> "*The Court accordingly considers that the applicants denied themselves access to the best means- and one that, in the special circumstances of the instant case, would have satisfied the positive obligations arising under Article 2- of elucidating the extent of te doctor's responsibility for the death of their child. That conclusion makes it unnecessary for the Court to examine, in the special circumstances of the instant case, whether the fact that a time-bar prevented the doctor being prosecuted for the alleged offence was compatible with Article 2.*"

F'dan il-każ, l-applikanti kienu aċċettaw kompensazzjoni ċivili bbażata fuq negliġenza medika, konsegwentement ma setgħux jipproċedu kriminalment skont il-mekkaniżmu stabbilit. Għalhekk, il-Qorti tosserva li, b'mod simili dan il-każ jista' jitqabbel mall-każ tar-rikorrent, fejn huwa naqas li jaġixxi għal numru twil ta' snin meta kien hemm il-mekkaniżmu stabbilit fejn huwa seta' jipproċedi kriminalment. Fin-nuqqas ta' aġir tiegħu, r-rikorrent illum qed jilmenta li l-azzjoni li huwa ried imexxi hija time-barred.

## Ikkunsidrat

38. F'dan l-istadju, il-Qorti tqis illi jeħtiġilha tistħarreġ hemmx ksur tal-jeddijiet invokati mir-rikorrent abbażi tal-Liġijiet provduti mill-Istat, dejjem fl-isfond ta' l-aġir jew nuqqas ta' aġir tar-rikorrent matul is-snin minn mindu seħħ l-allegat abbuż kif rakkontat mir-rikorrent stess.

39. Ir-rikorrent qed jikkontendi li d-drittijiet tiegħu ġew lezi a tenur tal-artikolu 32(c), l-Artikolu 36 u 39 tal-Kostituzzjoni.

40. Fl-eċċezzjonijiet u fis-sottomissjonijiet tiegħu, l-Avukat tal-Istat issottometta li l-Artikolu 32 huwa artikolu introduttiv u mhux intiż biex jiġi invokat bħala dritt fundamentali per se, stante li huma l-Artikoli 33 sa 45 li jelenkaw id-Drittijiet Fundamentali, dan kif provvdut fl-istess Artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni. L-Avukat tal-Istat issottolinea wkoll, b'mod dettaljat fis-sottomissjonijiet, li f'dan il-każ ma hemm l-ebda ksur ta' jedd ta' smiegħ xieraq ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Infatti, ġie preċiżament indikat fis-sottomissjonijiet, li dan l-artikolu jiġi invokat meta jkun inbeda proċediment quddiem Qorti, u dan ifisser li l-każ irid ikun qed jinstema' minn Qorti indipendenti w imparzjali imwaqqaf b'liġi. Inoltre`, l-Avukat tal-Istat irrileva wkoll, li m'hemm l-ebda ksur a tenur tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni peress li ma ġie ppruvat bl-ebda mod li l-Istat aġixxa b'mod li kkostitwixxa u/jew ikkawża trattament inuman u degradanti fil-konfront tiegħu.

41. Din il-Qorti tosserva, l-ewwel u qabel kollox, illi l-artikoli tal-liġi, kif ċitati mill-istess rikorrenti, fosthom l-artikolu 688 tal-Kap 9 abbina mal-artikolu 2154 tal-Kodiċi Ċivili, li jipprovdi għar-referenzi ta' preskrizzjoni ta' reati li jinsabu taħt l-

istess Kodiċi, minn fejn jirriżulta li l-preskrizzjoni għal reat ta' stupru u atti relatati ma' attivitajiet sesswali hija ta' ħmistax-il sena; u kif ukoll l-artikolu 2153 tal-Kap 16 li igħid li l-preskrizzjoni f'każijiet ta' danni għal ħsara mhux ikkaġunati b'reat huwa ta' sentejn, huma kollha artikoli tal-Liġi li ġew fis-seħħ qabel l-introduzzjoni tal-artikoli 32, 36, u 39 tal-Kostituzzjoni.

42. Il-Qorti tosserva wkoll illi m'hemm imkien indikat fil-Kostituzzjoni ta' Malta li l-artikoli 32, 36 u 39 jiswew aktar mill-artikoli tal-preskrizzjoni li jinsabu elenkati fil-kapitoli l-oħra tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk din il-Qorti mhijiex ser tevalwa aktar fid-dettal l-ilment tar-rikorrent b'referenza għall-allegati drittijiet leżi skont dawn l-artikoli tal-Kostituzzjoni.

**Ikkunsidrat**

43. Jirriżulta wkoll illi r-rikorrent qed jikkontendi li d-drittijiet tiegħu ġew leżi a tenur tal-Artikoli 6(1), l-Artikolu 3 u l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea.

44. L-**Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea** jipprovdi:

> "*Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smiegħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali imwaqqaf b'liġi........*"

45. Jirriżulta illi skont l-awturi **Harris, O'Boyle & Warbrick**, fil-ktieb "**Law of European Convention on Human Rights**" huma jgħidu s-segwenti:

> *A number of specific rights have been added to Article 6(1) through the medium of its 'fair hearing' guarantee. The first of these to be established were 'equality of arms' and the right to a hearing on one's presence. A breach of such a specific right may itself amount to a breach of the right to a 'fair hearing' without any need to consider other aspects of the proceedings. As noted, in cases not involving a breach of a specific right, the Court may nonetheless find a breach of the right to a 'fair hearing' on a 'hearing as a whole' basis."*

46. Fis-sottomissjonijiet tal-Avukat ta' l-Istat, ġie sostnut li dan l-artikolu huwa applikabbli biss meta jkun hemm wieħed mis-segwenti każijiet:

a. meta ma jkunx hemm tribunal indipendenti u imparzjali
b. meta jkun hemm dewmien inġustifikat
c. meta jkun hemm nuqqas ta' aċċess
d. meta s-smiegħ jissokta fl-assenza tal-parti tal-kawża
e. meta ma jkunx hemm equality of arms bejn il-partijiet
f. meta parti ma tingħatax id-dritt li tinstema' (audi alteram partem)
g. meta s-sentenza tingħata mingħajr motivazzjoni.

In vista ta’ dawn il-prinċipji, l-Avukat ta’ l-Istat, issottolinea li fil-każ in eżami, qatt ma nbdew proċeduri kriminali u lanqas ċivili mir-rikorrent, għalhekk dan l-artikolu b’referenza ċara għal smiegħ xieraq ma japplikax. In sostenn għal dan l-Avukat ta’ l-Istat irreferew għall-każ **Jason Genovese vs Kummissarju tal-Pulizija et**, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta’ Frar 2016, fejn ingħad li l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ma japplikax għal *parte civile* meta l-azzjoni tkun sabiex tiġi stabbilita l-ħtija o meno tal-imputat. Għalhekk, ġie sottomess, li fil-każ odjern, meta lanqas kien hemm l-ebda proċedura ġudizzjarja, l-Artikolu 6(1) ma jistax ikun applikabbli.

47. Min-naħa l-oħra, ir-rikorrent, fis-sottomissjonijiet tiegħu, sostna li d-dritt għal smiegħ xieraq m’għandux bl-ebda mod jirrestrinġi d-dritt ta’ l-individwu. Inoltre`, ġie sostnut ukoll, li r-rikorrent m’għandux aċċess għal rimedju kriminali u ċivili, inkluż talba għal danni orali ikkaġunati lilu, b’hekk qed jiġi leż id-dritt tiegħu għal smiegħ xieraq kif ikkontemplat taħt l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea. Di piu`, ir-rikorrent kompla jissottometti fis-sottomissjonijiet, li minħabba dan in-nuqqas ta’ rimedju, dan l-artikolu 6(1) għandu wkoll jiġi eżaminat fid-dawl tal-vjolazzjoni tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea. Għalhekk, qabel ma tippronunzja ruħha fuq dan l-Artikolu 6, din il-Qorti ser tgħaddi biex tevalwa wkoll, jekk hemmx leżjoni taħt l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea.

48. Jirriżulta illi l-**Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea** jiddisponi kif ġej:

(1) *Kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu, ta’ daru u tal-korrispondenza tiegħu.*

(2) *M’għandux ikun hemm indħil minn awtorita` pubblika dwar l-eżerċizzju ta’ dan id-dritt ħlief dak li jkun skont il-liġi u li jkun meħtieġ f’soċjeta’ demokratika fl-interessi tas-sigurta’ nazzjonali, sigurtà pubblika jew il-ġid ekonomiku tal-pajjiż, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-għemil ta’ delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta’ ħaddieħor.*

49. Il-Qorti tosserva illi l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea jagħti d-dritt għar-rispett lejn il-ħajja privata u tal-familja u tiprojbixxi l-indħil mill-awtorita` pubbliku dwar l-eżerċizzju ta’ dan id-dritt, liema projbizzjoni, madanakollu, mhuwiex assolut u, attwalment, huwa limitat

    a. mil-liġi
    b. mill-interessi tas-sigurta nazzjonali u sigurtà pubblika
    c. mill-ħtieġa li jiġi evitat diżordni jew għemil ta’ delitti
    d. mill-protezzjoni tas-saħħa jew morali
    e. mill-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta’ ħaddieħor.

50. F’diversi sentenzi tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, ġew enunċjati l-prinċipji bażiċi dwar dan l-artikolu.

51. Fil-każ **X & Y vs Netherlands** (8978/80) deċiż fis-26 ta’ Marzu 1985, ingħad hekk:

*The Court recalls that although the object of Article 8 is essentially that of protecting the individual against arbitrary interference by the public authorities, it does not merely compel the State to abstain from such interference: in addition to this primary negative undertaking, there may be positive obligations inherent in an effective respect for private or family life. These obligations may involve the adoption of measures designed to secure respect for private life even in the sphere of the relations of individuals between themselves.*

....

*The Court, which on this point agrees in substance with the opinion of the Commission observes that the choice of the means calculated to secure compliance with Article 8 in the sphere of the relations of individuals between themselves in in principle a matter that falls within the Contracting States margin of appreciation. In this connection, there are different ways of ensuring 'respect for private life', and the nature of the State's obligation will depend on the particular aspect of private life that is at issue.*

52. Illi din il-proporzjonalita` ta' protezzjoni rikjesta mill-Istat tvarja minn każ għal każ skont il-fatti u ċ-ċirkostanzi ta' dak il-każ partikolari. Fil-każ **Kroon & Others vs Netherlands** (18535/91) deċiża fis-27 ta' Ottubru 1994, ingħad:

*"The Court reiterates that the essential object of Article 8 is to protect the individual against arbitrary action by the public authorities. There may in addition be positive obligations inherent in effective respect for family life. However, the boundaries between the State's positive and negative obligations under this provision do not lend themselves to precise defintion. The applicable principles are nonetheless similar. In both contexts, regard must be had to the fair balance that has to be struck between the competing interests of the individual and of the community as a whole; and in both contexts the State enjoys a certain margin of appreciation."*

53. Il-Qorti tosserva illi, fil-każ fuq ċitat, il-Qorti Ewropea ddeċidiet, li n-nuqqas ta' opportunita` sabiex persuna jagħmel kawża biex jiċħad il-paternita` ta' wild kienet tikkostitwixxi ksur ta' l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea. Każ simili, illi jinvolvi l-istat Malti u fuq l-istess suġġett ta' paternita` huwa l-każ ċitat fis-sottomissjonijiet tar-rikorrent **Maurice Mizzi vs Malta**.

54. Jirriżulta illi, fil-każ **Maurice Mizzi vs Malta** (26111/02) deċiża fit-12 ta' April 2006, instab li kien hemm leżjoni tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea fil-konfront ta' Malta. Madankollu, din il-Qorti tirrileva illi jkun opportun li jiġu eżaminati u evalwati l-fatti u ċ-ċirkostanzi ta' dak il-każ li wasslu għad-deċiżjoni.

55. Jirriżulta illi, fil-każ ta' **Maurice Mizzi**, il-Qorti Ewropea ma ddeċidietx li kien hemm leżjoni ta' dritt fundamentali abbażi tat-terminu tal-preskrizzjoni, li hija l-bażi tal-azzjoni odjerna, imma ddeċidiet illi kien hemm leżjoni għaliex, dak iż-żmien, l-applikant ma kellux il-mezzi u r-rimedji neċessarji bil-liġi sabiex ikun jista' jipproċedi għad-denegata` paternita`, b'hekk kien ġie prekluż milli jikkontesta l-paternita` tal-wild.

56. Jirriżulta, di fatti, illi fil-każ ta' Maurice Mizzi, l-applikant kien istitwixxa l-każ Kostituzzjonali aktar minn sitt xhur qabel l-introduzzjoni tal-emendi introdotti fl-1993, w il-Qorti Ewropea, meta sabet li kien hemm ksur, rriteniet hekk:

> *As to the applicant's failure to introduce an action to determine the paternity of Y, the Court considers that the accessibility and effectiveness of this action is linked to the substance of the applicant's complaint under Article 6(1) of the Convention.*

57. Il-Qorti kompliet tgħid:

> "*The Court notes that the applicant and Y underwent a blood test in Switzerland in order to establish whether he was 'her biological father'. According to the applicant the results of this test show that he wasn't Y's Father. However, the applicant never had the possibility of having the results of the test in question examined by a tribunal. It was only after the 1993 amendments that he would have had a right under domestic law to contest his paternity of Y on the basis of scientific evidence and proof of adultery had he lodged the action within six months after her birth.*"
>
> ...
>
> "*The Court considers that the fact that the applicant was never allowed to contest his paternity of Y was not proportionate to the legitimate aims pursued. It follows that a fair balance has not been struck between the general interest in the protection of legal certainty of family relationships and the applicant's right to have the legal presumption of his paternity reviewed in the light of biological evidence. Therefore, despite the margin of appreciation afforded to them, the domestic authorities have failed to secure respect for the applicant's private life, to which he is entitled under the Convention.*"

58. Fi press release dwar dan il-każ **Maurice Mizzi vs Malta**, ġie sottolineat is-segwenti:

> *The Court considered that the fact the applicant was never allowed to disclaim paternity was not proportionate to the legitimate aims pursued. It followed that a fair balance had not been struck between the general interest of the protection of legal certainty of family relationships and the applicant's right to have the legal presumption of his paternity reviewed*

*in the light of the biological evidence. Therefore, the domestic authorities failed to secure to the applicant the respect for his private life, to which he was entitled and there was a violation of Article 8.*

*The Court observed that in bringing an action to contest his paternity the applicant was subject to time-limits which did not apply to other interested parties. The Court found that the rigid application of the time-limit along with the Constitutional Court's refusal to allow an exception deprived the applicant of the exercise of his rights guaranteed by Articles 6 and 8 which were and still are, on the contrary enjoyed by other interested parties.*

59. Għalhekk, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi fatti u ċ-ċirkostanzi f'dak il-każ huma ferm differenti mill-każ odjern.

**Ikkunsidrat**

60. Fil-każ in eżami, ir-rikorrent Marco Zammit qed isostni fix-xhieda tiegħu, li l-allegat abbuż sesswali beda meta huwa kellu ħdax-il sena, ossija aktar minn tmienja u erbgħin (48) sena ilu u kompla aktar ma beda jikber sa l-eta` ta' wieħed u għoxrin sena, ossija tmienja u tletin (38) sena ilu.

61. Il-Qorti tosserva illi r-reat minnu lmentat kif ipprovdut fil-Kodiċi Ċivili w ir-rikorrent kellu l-mezzi neċessarji skont il-liġi tal-Istat Malti sabiex jaġixxi, liema azzjoni huwa xjentement għażel illi ma jipproċedix bih.

62. It-terminu tal-preskrizzjoni għal reati sesswali, li minnu jilmenta r-rikorrent, huwa ta' ħmistax il-sena, liema preskrizzjoni jibda jiddekorri, skont l-Artikolu 691 tal-Kap 9, minn dakinhar li allegatament seħħ l-abbuż għall-aħħar darba. Fil-każ in eżami, għalhekk, ir-rikorrent kellu sakemm laħaq l-eta' ta' sitta u tletin sena (36) sabiex jipproċedi bir-rapport u proċedimenti.

63. Jirriżulta illi r-rikorrent qed isostni, fir-rikors promotur, illi wara tmienja u erbgħin (48) sena minn meta seħħ l-ewwel każ u aktar minn tmienja u tletin sena (38) wara illi seħħ l-aħħar każ ta' abbuż minnu lmentat, huwa proprju issa, li laħaq l-eta` ta' sitta u ħamsin (56) sena, li huwa lest jiffaċċja lill-aggressuri tiegħu bi proċess ġudizzjarju.

64. Dana qiegħed jingħad, peress illi jirriżulta ċar li huwa kien jaf li seta' jipproċedi preċedentement bi proċeduri kriminali, iżda naqas li jaġixxi, ossija naqas li iressaq l-ilment tiegħu kif kellu kull dritt li jagħmel, b'hekk, huwa naqas milli jeżawrixxi r-rimedji offruti lilu mill-Istat. Jirriżulta wkoll illi huwa kien ben konxju tal-limitazzjonijiet legali ta' preskrizzjoni imposti fuq tali azzjoni.

65. Il-Qorti tosserva illi l-ilment tar-rikorrent ma huwiex illi l-Istat naqas li joffri r-rimedju legali neċessarju, bħalma ġara fil-każ ta' **Maurice Mizzi**, iżda illi t-trapass

taż-żmien qiegħed jimpedieh milli jibda proċeduri issa, tmienja u tletin (38) sena wara l-aħħar allegat reat.

66. Il-Qorti ma tistax ma tirrilevax illi fatti u ċ-ċirkostanzi tal-każ juru evidentement, li n-nuqqas ta' aġir da parti tar-rikorrent għal medda twila ta' snin u l-għażla koxjenti tiegħu illi jżomm lura milli jipproċedi u jgħarraf lill-Istat bl-allegat abbuż , bl-ebda mod, ma jista jiġi interpretat li kien l-Istat li naqas milli jipproteġi u joffri r-rimedji neċessarji sabiex jissalvagwardja d-drittijiet tar-rikorrent għal ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu.

67. Jiġi osservat illi, sabiex jinstab li kien hemm leżjoni ta' l-Artikolu 8, irid jiġi stabbilit li kien hemm interferenza mill-Istat fl-iskop tal-kunċett ta' 'private life' kif intiża fl-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea. Fil-fatt, l-iskop ta' l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea hu li jipproteġi kontra interferenza fil-ħajja privata tal-individwu u tal-familja, fejn tali leġislazzjoni tirrileva li huwa importani li jkun hemm bilanċ bejn l-interess ta' l-individwu u dak tas-soċjeta'. (Ara **Hamalainen vs Finland** (37359/09) deċiża fis-16 ta' Lulju 2014. Il-fatt innifsu, li l-Istat ikollu mekkaniżmu li joħloq terminu preskrittiv għal pieni kriminali ma jistax jitqies bħala interferenza fil-kunċett ta' 'private life' kif intiż fl-artikolu 8, għaliex il-mekkaniżmu u qafas legali intiż sabiex jipproteġu tali dritt ikun jeżisti, huwa disponibbli u jista' jitħaddem.

68. Il-Qorti, f'dan il-kuntest, tagħmel referenza għal dak li qal ir-rikorrent fis-sottomissjonijiet tiegħu, fejn irrileva li f'pajjiżi fl-Unjoni Ewropea, u anke mhux fl-Unjoni Ewropea, m'hemmx terminu preskrittiv għal reati sesswali – tali argument, madanakollu, ma japplikax għal każ in eżami, u dana peress illi dak li irid jiġi mistħarreġ minn dina l-Qorti, mhuwiex paragun tat-termini preskrittivi kif ivarjaw bejn l-Istati diversi, iżda l-istħarriġ neċessarju li għandha tagħmel il-Qorti huwa jekk kienx hemm interferenza da parti tal-Istat fil-kunċett ta' 'private life' ta' l-individwu, kif sanċit fl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea.

69. Hawnhekk, il-Qorti tagħmel referenza għall- każ **Soderman vs Sweden** (5786/08), deċiża fit-12 ta' Novembru 2013, il-Qorti Ewropea sostniet hekk f'każ ta' molestji sesswali fuq minuri:

> *"In respect of children who are particularly vulnerable, the measures applied by the State to protect them against acts of violence falling within the scope of Article 3 and 8 should be effective and include reasonable steps to prevent ill-treatment of which the authorities had, or ought to have had knowledge and effective deterrance against such serious breaches of personal integrity (See **Z & others vs U.K**. 29392/95 ECHR 2001-V, **M.P & others vs Bulgaria** 22457/08 , 15 November 2011).*

70. F'dan l-istess każ suċitat kompla jingħad:

> *"Regarding more specifically, serious acts such as rape and sexual abuse of children, where fundamental values and essential aspects of private life*

> *are at stake, it falls upon the member States to ensure that efficient criminal-law provisions are in place (See **X & Y vs the Netherlands**, 26 March 1985).*

71. Iżda, tajjeb jiġi osservat, li f'dan il-każ **Soderman vs Sweden**, il-fatti u ċ-ċirkostanzi huma differenti ħafna min dak tal-każ odjern, fejn fl-ewwel lok, kien hemm proċess ġudizzjarju fl-Isvezja li ġie appellat, u kien biss fl-istadju tal-Appell li ġie deċiż li ma kienx hemm molestji sesswali, u li kien sar żvestitment tad-drittijiet fundamentali stante li ma kienx hemm ir-rispett dovut lejn il-ħajja privata ta' l-individwu kif sanċita fl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea.

72. F'dan il-kuntest, din il-Qorti tħoss illi huwa opportun illi tirreferi wkoll għal dak li intqal fil 'Guide to Article 8 of the Convention' maħruħ mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, fejn ġie sostnut:

> *The State therefore has a positive obligation inherent in Article 3 and 8 of the Convention to enact criminal law provisions effectively punishing rape and to apply them in practice through effective investigation and prosecution (**M.C. vs Bulgaria**. (39272/98) deċiża fl-4 ta' Diċembru 2003. Children and other vulnerable individuals, in particular are entitled to effective protection (**X& Y vs Netherlands**).*

73. Relevanti ħafna huwa dak imsemmi aktar l-isfel fl-istess imsemmi artikolu suċitat, fejn intqal:

> *In sum, the State's positive obligations under Article 8 implying that the authorities have a duty to apply criminal law mechanisms of effective investigation and prosecution concern allegations of serious acts of violence by private parties. Nevertheless, only significant flaws in the application of the relevant mechanisms amount to a breach of the State's positive obligations under Article 8. Accordingly, the Court will not concern itself with allegations of errors or isolated omissions since it cannot replace the domestic authorities in the assessment of the facts of the case, nor can it decide on the alleged perpetrators'criminal responsibility." (***B.V. & Others vs Croatia** (71593/11) deċiża fit-18 ta' Ġunju 2015).

74. Il-Qorti, tenut kont ta' dan, ma tistax ma tosservax illi sabiex jinstab li hemm leżjoni ta' dritt mill-Qorti Ewropea, ai termini tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea, irid, jinstab li m'hemmx mekkaniżmu u lanqas rimedju sabiex l-individwu seta' jipproċedi.

75. Fil-każ taħt eżami, ir-rikorrent **<u>kellu</u>** a disposizzjoni l-mekkaniżmu sabiex jipproċedi kontra min allegatament abbuża minnu, u t-terminu li fih seta' jipproċedi ma kienx lanqas terminu qasir, tant li l-preskrizzjoni ta' ħmistax-il sena mhijiex ċertament preskrizzjoni qasira, dejjem meta din titqieħed li tibda tiddekorri mill-aħħar darba li jkun allegatament seħħ l-att abbużiv.

76. Għalhekk, il-Qorti tħoss illi l-fatt li r-rikorrent ħalla t-terminu jiddekorri, u li llum, hekk kif għandu disgħa u ħamsin sena (59) sena u wara li għaddew aktar minn tmienja u tletin (38) sena wara l-aħħar allegat reat, qed jilmenta dwar il-fatt li ma jistax jipproċedi ġudizzjarjament, ċertament ma jimplika bl-ebda mod li l-Istat Malti ma kellux il-mekkaniżmu u r-rimedju neċessarju sabiex huwa seta' jipproċedi kriminalment.

77. Meqjusa dawn il-fatti u ċirkostanzi, ma jistax jinstab li hemm leżjoni ai termini tal-Artikolu 8 tal-Konvnezjoni Ewropea, għaliex l-Istat ipprovda l-mekkaniżmu meħtieġ, iżda kienet l-ommissjoni tar-rikorrent li naqas għal kollox milli jgħarraf lill-Istat u/jew milli jipproċedi ġudizzjarjament, skont il-mekkaniżmu maħluq u provvdut fil-liġi.

78. Il-Qorti tosserva illi r-rikorrent ilmenta wkoll dwar ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Madanankollu, l-Qorti tqis li s-sottomissjoni tar-rikorrent, għandu jiġi eżaminat ukoll fid-dawl tal-viżjoni tal-Artikolu 8, fejn l-argumenti minnu mqajjma ma jreġġux.

79. Din il-Qorti tqis li l-ilment tar-rikorrent ma jistax jiġi kkunsidrat li joħloq leżjoni taħt l-artikolu 8 u wisq anqas taħt l-Artikolu 6, u dan minħabba fl-ommissjoni tiegħu, għal numru twil u esaġerat ta' snin, milli jgħarraf u jieħu vantaġġ mir-rimedji u l-mekkaniżmi provvduti mill-Istat. Il-Qorti tosserva wkoll illi l-fatt li r-rikorrenti, tmienja u tletin sena wara l-allegat reat, huwa prekluż milli jipproċedi bi proċeduri kriminali u Ċivili kontra min ikkawża tali reat, ċertament ma jistax jitqies ksur ta' smiegħ xieraq fin-nuqqas ta' proċeduri quddiem Qorti u/jew tribunal peress illi kienet għażla tar-rikorrenti li ma jipproċedix u ħadd ma impedih milli jipproċedi.

80. L-aħħar ilment tar-rikorrent huwa bbażat fuq Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea li jistipula "*Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal tortura jew għal trattament jew piena inumana jew degradanti.*"

81. Abbażi ta' dan l-artikolu, jinkombi fuq ir-rikorrent li jipprova li ġie assoġġettat għal tortura jew għal trattament jew piena inumana jew degradanti. Infatti fil-kawża **Joseph Zahra vs Ministru tal-Ġustizzja et**. deċiża mill-Prim Awla, fl-4 ta' Ottubru 1990, ġie deċiż li trattament inuman ikopri tbatija mentali u fiżika. Trattament inuman jivvjola id-dinjita` umana tal-bniedem. Ukoll fil-każ **Dr. Irene Bonello vs Onorevoli Prim Ministru** deċiża fil-5 ta' Ottubru 1998, il-Qorti rriteniet li "*it-trattament degradanti li trid il-liġi jrid ikun marbut ma' sitwazzjoni fejn l-oġġett ta' tali deportament ikun taħt il-kontroll tal-persuna li teżerċitah u inoltre li tali trattament ikun ta' ċerta gravita*."

82. Il-Qorti tosserva li sabiex ilment dwar l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja jintlaqa', jeħtieġ numru ta' elementi fosthom trattament inuman u degradanti, u/jew, deportazzjoni għal pajjiż b'riskju ta' tortura u trattament inuman, u t-trattament inuman irid jiġi ppruvat u jkun ta' ċerta gravita`. Dawn l-elementi fil-

fatt jisemmew fil-każ **Abdul Hakim Hassan Abdulle et vs Ministru tal-Ġustizzja et** (56/2007) deċiża mill-Prim' Awla (Sede Kostituzjonali) fid-29 ta' Novembru 2011.

83. Hawnhekk, huwa relevanti wkoll il-każ referut fis-sottomissjonijiet tal-Avukat ta' l-Istat **Yankov vs Bulgaria** deċiż mill-Qorti Ewropea fil-11 ta' Diċembru 2003 fejn ingħad:

> "*Ill treatment must attain a minimum level of severity if it is to fall within the scope of Article 3 of the Convention. The assessment of this minimum level of severity is relative, it depends on all the circumstances of the case*."

84. Dak li jikkostitwixxi trattament inuman u degradanti jrid ikun ta' gravita` u severita` skont dak deċiż f'kawżi mill-Qorti Ewropea, kif deċiż, fil-każ **Simeonovi vs Bulgaria** deċiża fit-12 ta' Mejju 2017.

> *"The Court considers the applicant's condition of detention taken in conjuction with the restrictive regime under which he is serving his life sentence and the length of the prison term, have subjected him to an ordeal exceeding the suffering inherent in the execution of a prison sentence, amount to inhuman and degrading treatment."*

85. Jirriżulta illi r-rikorrent jibbaża l-azzjoni tiegħu fuq l-artikolu 3, fuq dak li xehdu dwaru il-Psikjatra Dr. Joseph Cassar u l-psikoloġista Nadya Buhagiar, kif ukoll mart ir-rikorrent, dwar il-mod kif ir-rikorrent jinsab afflitt psikoloġikament. Ir-rikorrent, di fatti, jilmenta dwar dawn l-effetti psikoloġiċi li huwa qed isofri, fejn huwa qed jikkontendi li dawn l-effetti għadu qed isofrihom u l-liġi tal-Istat qed tippreklidih illum milli jikseb ġustizzja.

86. Il-Qorti, għal darba oħra, tosserva illi l-argument ma jistax ireġġi fid-dawl ta' dan l-artikolu, aktar u aktar meta jirriżulta li huwa kien qed jiġi segwit mill-psikjatra u mill-psikologa matul is-snin, u f'dawk is-snin huwa naqas li jieħu l-azzjoni neċessarji kif permessa fil-liġi.

87. Fil-każ in eżami, minħabba li r-rikorrent qed jilmenta u jattakka l-istitut tal-preskrizzjoni, jeħtieġ, li r-rikorrent mhux biss jipprova t-trattament inuman u degradanti, li ma jirriżultax li hemm provi sufficjenti dwar dan, iżda jeħtieġ ukoll li jipprova li jkun hemm ness u kawżalita` bejn l-aġir jew in-nuqqas ta' aġir da parti ta' l-Istat u t-trattament inuman u degradanti, fis-sens, li l-Istat ikun responsabbli għal dan it-trattament inuman u degradanti.

88. Huwa ċar, minn dak kollu diġa' dedott dwar il-fatti ta' dan il-każ, dawn l-elementi, evidentement ma jirriżultawx bl-ebda mod. Inoltre`, din il-Qorti tqis, li mhux talli mhuwiex l-Istat li jaħti għan-nuqqas ta' rimedju, iżda huwa r-rikorrent li ħalla numru twil u esaġerat ta' snin jgħaddu mingħajr ma ħa ebda azzjoni biex jipproċedi skont il-mekkaniżmu provvdut mill-Istat.

89. Il-Qorti ma tistax ma taqbilx mas-sottomissjonijiet ta’ l-Avukat ta’ l-Istat fejn saħaq huwa inkonċepibbli li l-Istat jista’ ikun responsabbli għal trattament inuman u degradanti sempliċement għax teżisti liġi ta’ preskrizzjoni għal reati Kriminali, u r-rikorrent għażel minn jeddu li ma jieħu ebda azzjoni fit-terminu stabbilit mil-Liġi. F’dawn iċ-ċirkostanzi, l-Istat ma jistax jiġi inkolpat ta’ trattament inuman u degradanti, anke għaliex l-elementi kollha meħtieġa biex tiġi ppruvata leżjoni ai termini ta’ dan l-artikolu 3 ma jissussistux,

90. Għaldaqstant, ma jistax jingħad li hemm l-ebda leżjoni a tenur tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea.

91. In vista tas-suespost, u għall-motivi spjegati, ma jirriżultax li hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent, taħt l-ebda artikolu tal-Konvenzjoni Ewropea u lanqas taħt l-artikoli tal-Kostituzzjoni.

92. Għaldaqstant, tilqa’ l-eċċezzjonijiet kollha ta’ l-Avukat ta’ l-Istat u tiċħad it-talbiet tar-rikorrent.

**Konklużjoni**

Il-Qorti;

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali kollha ppreżentati quddiemha;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet tal-abbi difensuri tar-rikorrent u tal-Avukat tal-Istat;

Tgħaddi biex taqta’ u tiddeċiedi l-vertenza odjerna billi, filwaqt li;

**Tilqa’** l-eċċezzjonijiet kollha fil-mertu tal-Avukat tal-Istat għar-raġunijiet spjegati, tgħaddi biex:

**Tiċħad** it-talbiet kollha tar-rikorrenti**.**

**L-ispejjeż** għall-proċeduri odjerni għandhom ikunu a kariku tar-rikorrent.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Imħallef

**Rita Sciberras**
Deputat Reġistratur